**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 354/97

Joseph Grech

vs

Direttur Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici

Illum 7 ta' Mejju, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi/jew ghall-habta tal-1988, ir-rikorrent sofra ingustizzja billi gie mcahhad minn promozzjoni li kien jisthoqqlu minghajr raguni valida fil-ligi.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor is-segwenti:

Ir-rikorrent ilu jahdem mad-Dipartiment tax-Xogholijiet ghal madwar tmintax-il sena u ilu fil-grad ta' skilled labourer ghal madwar sittax-il sena. Huwa kien ilu hafna snin jahdem ix-xoghol ta' 'miner' u f'dan il-qasam ghandu esperjenza kbira ghaliex, anke qabel ma mar jahdem mad-Dipartiment tax-Xogholijiet, huwa kien jahdem bhala 'miner' ma' kuntrattur.

Illi minkejja li ma kellux il-grad ta' 'miner' ir-rikorrent dejjem ghamel dan it-tip ta' xoghol kull meta kien mitlub mis-superjuri tieghu, ghalkemm ma rcieva ebda hlas zejjed ta' dan ix-xoghol.

Illi fit-28 ta' Novembru 1988 gew imhabbra vakanzi f'diversi gradi industrijali, fosthom dak ta' 'miner' skond OPM Circular 130/88 (Dokument A).

Illi skond l-istess cirkolari, l-ghazla kellha ssir permezz ta' interview u 'trade test' mill-Bord ta' Selezzjoni.

Illi r-rikorrent applika ghall-grad ta' miner u attenda wkoll ghal interview in konnessjoni mal-applikazzjoni tieghu.

Illi waqt l-interview, ir-rikorrent irrisponda tajjeb ghad-domandi kollha li sarulu. Tant hu hekk illi membru tal-Bord ta' Selezzjoni kien irrimarkalu illi ma kellhomx ghalfejn jistaqsuh aktar domandi ghaliex ir-rikorrent kien jidher li jaf kull ma kien mehtieg.

Illi f'din l-okkazjoni kuntrarju ghal dak stipulat fl-OPM Circular 130/88 ma sar ebda 'trade test' mill-Bord ta' Selezzjoni.

Illi minkejja li kellu l-kwalifiki kollha u esperjenza necessarja ir-rikorrent ma giex promoss ghall-grad ta' 'miner' ghalkemm gew promossi persuni ohrajn li ma kellhomx kwalifiki/esperjenza daqs ir-rikorrent.

Illi r-rikorrent deherlu illi ma kien hemm ebda raguni valida li hu jigi mcahhad mill-promozzjoni li kien haqqu.

Illi b'konsegwenza ghall-ingustizzja li sofra, ir-rikorrent bata wkoll telf finanzjarju konsistenti f'telf ta' awment ta' paga relativa ghall-grad li ghalih kien haqqu jiehu promozzjoni mid-data li hu kien haqqu jiehu tali promozzjoni.

Illi b'hekk ai termini tal-Att VIII tal-1997 ir-rikorrent, fil-perjodu fuq indikat, garrab ingustizzja u dana b'konsegwenza ta' distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li saret jew inghatat bi hsara ghalih, jew li minhabba fiha garrab inkapacita` jew restrizzjoni u dana b'azzjoni mehuda mill-intimat.

Illi biex isostni l-ilment tieghu r-rikorrent kien bi hsiebu jressaq ix-xhieda murija fl-elenku.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal biex wara li jisma' x-xhieda u sottomissjonijiet tair-rikorrent jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u jordna li jinghata rimedju billi r-rikorrent (1) jinghata l-promozzjoni ghall-grad ta' 'miner' mill-

perjodu li dan il-grad kien jisthoqqlu (2) jithallas l-arretrati ta' paga relativi ghal tali promozzjoni.

Fl-eventwalita` li dawn ir-rimedji ma jistghux jinghataw ir-rikorrent jitlob li jigi ordnat jithallas lilu kumpens fl-ammont ta' LM5000 jew kull ammont iehor li ma jeccedix il-LM5000 li dan it-Tribunal jidhirlu xieraq.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimat.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet, li eccepixxa li r-rikorrent gie impjegat bhala Labourer mad-Dipartiment tax-Xogholijiet b'effett mit-2 ta' April 1979. Hu lahaq il-grad ta' Skilled Labourer fid-9 ta' Jannar 1981. Fl-1 ta' Jannar 1991 lahaq bhala General Hand permezz tar-riforma u ghadu jgawdi din il-kariga sal-lum. Fit-28 ta' Novembru 1988 kienet harget sejha numru 130/88 ghall-applikazzjonijiet ghal gradi rispettivi fi gruppi B, C u D. Ir-rikorrent kien jokkupa l-grad ta' Skilled Labourer u ghaldaqstant kien eligibbli biex japplika. Abbazi hu applika ghall-grad ta' Miner u Plasterer and Painer u nghata n-numru 109 bhala n-numru ta' riferenza. Sussegwentement gab 45 u 30 marka minn total ta' 100 f'kull kategorija. Ghaldaqstant hu ma ssodisfax il-kriterji tal-Bord b' rizultat ma giex maghzul ghall-promozzjoni.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ikkonferma bil-gurament il-kontenut tar-rikors li semma li qabel ma dahal jahdem mal-Gvern bhala skilled labourer kien jahdem mal-kumpanija S.C. Xuereb. Fost xoghol iehor ma' din il-kumpanija kien jaghmel ukoll ix-xoghol ta' miner u hadem fil-mini ta' Regional Road, bejn tas-Sliema u San Giljan, fil-Power Station u f'diversi bnadi ohra. Mill-79 sal-88 kien jaghmel dan it-tip ta' xoghol. Spjega anke r-risposti li ta waqt l-interview inkluz kif thaffer bir tip qanpiena.

Anthony Sammut ikkonferma li kien fil-bord tal-promozzjonijiet tal-1988. Qal li meta lestew ir-rizultati ssottomettewhom lill-Public Works Department. Semma li meta dehru l-applikanti quddiem il-Bord kien hemm interview biss. Practical test ma nghata lil hadd u kien hemm biss interview.

John Farrugia li jahdem fil-Marine Works, fid-Dipartiment tax-Xogholijiet semma li r-rikorrent ghamel xi disgha snin jahdem mieghu u kien jahdem f' diversi aspetti u dejjem ghamel ix-xoghol li qabbdu u dan b' mod sew ghax kellu esperjenza tax-xoghol.

Huwa dejjem ghamel ix-xoghol li qallu. Ikkonferma li x-xoghol dejjem ghamlu sew u kellu esperjenza sew tax-xoghol. Huwa kien ragel riservat bhala bniedem u qatt ma kellu trouble mieghu. Huwa kien biezel ukoll fix-xoghol, dejjem lahhaq ix-xoghol tieghu fil-hin. Qatt ma kellu problemi mieghu. Meta r-rikorrent kien wasal ghall-interview kien ilu diga bejn wiehed u iehor bejn sentejn u erba' snin maghhom. Dak iz-zmien ta' l-interview kien jikklasifika lir-rikorrent u x-xoghol tieghu bhala miner bhala wiehed mill-ahjar li kellhom.

Tony Cassar li jahdem fil-Marine Section mal-Public Works Department bhala Works Manager xehed li jaf lir-rikorrent. Ir-rikorrent jaqa' taht is-supervizjoni tieghu. Ir-rikorrent jaghmel xoghol tas-sengha minkejja li kien Labourer. Qatt ma kellu rapporti dwar xi xoghol hazin li sar mir-rikorrent. Probabbilment ix-xoghol maghmul mir-rikorrent li ma kienx tal-grad tieghu imma li huwa ta' grad ta' persuna li ghandha s-sengha probabilment li sar tajjeb peress li qatt ma kellu rapporti hziena.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li f' Novembru 1988 ir-rikorrent applika ghal Miner u Plasterer/Painter u gab 45 u 30 marka minn total ta' 100 f' kull kategorija. Il-kummenti li kien hemm fuq ir-rikorrent kienu kollha ferm pozittivi. Wahda mill-kundizzjonijiet tal-applikazzjonijiet (OPM Circular 130/88) tghid specifikament li "applicants will be interviewed and trade tested by a selection board to assess their suitability for the post/s for which they wish

to be considered…" Irrizulta b' mod car li fil-fatt dan it-trade test ma sarx.

Fil-kawzi fl-ismijiet Paul Sciberras vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici et deciz fl-24 ta' Jannar 2002 u Philip Gauci vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici deciz fis-17 ta' April 2002 it-Tribunal kellu l-istess tip ta' ilment ghalkemm dan kien jirrigwarda hatriet ta' drainage workers. Ir-rikorrent fit-Trade Test dwar hatra ghal miner minn 40 marka nghata 18 f' haga li ma saritx u ghalhekk it-Tribunal ma jistax jifhem kif l-ezaminaturi setghu jaslu ghal din il-marka. Fil-kawza fuq imsemmija ta' Paul Sciberras it-Tribunal qal:

"Hu ovvju li dan kollu ma setax isir ghax ma jirrizulta minn imkien li l-membri tal-bord kellhom id-dritt ivarjaw l-OPM Circular u dana seta' facilment sewa ta' pregudizzju u ghalhekk ingustizzja fil-konfront tar-rikorrent. Ir-rikorrent inghata 18 minn 40 tat-Trade Test meta hu jahdem u ilu jahdem ghal snin shah ta' Drainage Worker ghalkemm ma kellux dan ir-rank. Meta t-Tribunal iqis li kull ma kien il-boghod biex jghaddi kien 4%, meta wiehed iqis il-fatturi fuq imsemmija, bil-fors li t-Tribunal ihoss li r-rikorrent ghandu jinghata 4 marki ohra u b' hekk jilhaq il-pass mark tal-50 fil-mija. Mhux gust li meta l-applikazzjoni ssemmi Trade Test dan ma jsirx specjalment fil-kaz ta' persuna li tkun ghamlet snin shah tahdem fuq dan is-suggett."

L-istess kliem ma japplikax ghall-pozizzjoni tar-rikorrent fil-kaz ta' Plasterer and Painter minhabba li hemmhekk ir-rikorrent kien

aktar il-boghod fil-marki izda huwa car li r-rikorrent kien haqqu l-hatra ta' Miner. Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni tal-intimat.

Jilqa' t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Miner b'effett mid-data li fiha nghataw il-hatra dawk li kkwalifikaw ghal tali grad fl-1988 u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas id-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra l-intimat.